MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 2128/1998/1

***John u Tessie konjugi Soler***
***vs***
***Claire Gove' u Fogg Insurance Agencies li b' digriet tat-11 ta' Marzu 1999 giet interventua fil-kawza ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Avon Insurance plc.***

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi, wara li **ppremettew**: illi fl-24 ta' Jannar 1997 ghal habta tal-erbgha ta' wara nofs inhar l-attur John Soler gie investit minn karozza Peugeot 205 numru ta' registrazzjoni l-8130(M) misjuqa mill-konvenuta waqt li hu kien qed isuq mutur numru ta' registrazzjoni P-5349(M); illi dan l-incident awtomobilistiku gara f'Rue d'Argens Gzira kantuniera ma Manoel Street, Gzira fejn l-attur kien il-'main road user' u l-konvenuta harget minn Manoel Street,

Gzira u minn fuq Stop Sign; illi dan l-incident awtomobbilistiku gara b'tort u negligenza u imperizja da parti tal-konvenuta; illi l-attur sofra danni b'konsegwenza ta' dan l-incident awtomobilistiku mhux biss fil-mutur numru ta' registrazzjoni P-5349(M) imma debilita' permanenti f'siequ x-xellugija , liema debilita' permanenti tammonta ghal 8% u dan kif iccertifikat mis-Sur Charles Grixti fit-30 ta' Settembru 1997, liema certifikat qed jigi hawn anness u mmarkat bhala dokument A u dan oltre telf ta' xoghol u impieg; illi l-attur b'ittra ufficjali tat-28 ta' Ottubru 1997 interpella lill-konvenutakif ukoll id-ditta assikuratrici taghha biex tersaq ghal likwidazzjoni tad-danni reali sofferti li jigu ppruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawza pero' baqghu inadempjenti;

**Talab** li l-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-incident awtomobilistiku tal-24 ta' Jannar 1997 f'Rue d'Argens, Gzira bejn karozza numru ta' registrazzjoni I-8130(M) misjuqa mill-konvenuta u mutur numru ta' registrazzjoni P-5349(M) misjuq mill-attur John Soler gara b'tort unikament tal-konvenuta;
2. tillikwida d-danni sofferti mill-atturi konsistenti kemm f'danni fil-mutur P-5349(M) kif ukoll dawk id-danni li jigu likwidati minhabba d-debilita' permanenti sofferta mill-attur kif ukoll ghat-telf ta' profitt li huwa sofra waqt li kien barra mix-xoghol waqt kien konvalexxenti u dan jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;
3. tikkundanna lill-konvenuta thallas dik is-somma hekk likwidata jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Ottubru 1997 u tal-20 ta' Ottubru 1998 u bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi, guramentata minn John Soler, u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet:

1. illi t-talbiet attrici huma nfondanti fil-fatt fid-dritt stante illi l-konvenuta ma hiex responsabbli tal-incident awtomobilistiku ta' 24 ta' Jannar 1997 oggett ta' din il-kawza;

2. salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuta, u l-lista tax-xhieda;

Rat it-talba rikonvenjonali tal-konvenuta, li permezz taghha wara li ppremettiet:
illi fl-24 ta' Jannar 1997 ghal habta tal-erbgha ta' wara nofs inhar il-konvenuta giet investita minn mutur numru ta' registrazzjoni P-5349(M) misjuq mill-attur waqt li hi kienet qed issuq il-vettura I-8130(M); illi dan l-incident awtomobilistiku gara b'tort u negligenza u imperizja da parti tal-attur; illi l-konvenuta soffriet danni b'konsegwenza ta' dan l-incident fil-vettura numru ta' registrazzjoni I-8130(M); illi l-konvenuta b'ittra ufficjali ta' 19 ta' Jannar interpellat l-atturi sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni tad-danni minnha sofferti.
**Talab** ghalhekk l-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex;
1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-incident awtomobilistiku tal-24 ta' Jannar 1997 f'Rue d'Argens Gzira bejn il-mutur numru ta' registrazzjoni P-5349(M) misjuq mill-attur John Soler u l-karozza numru ta' registrazzjoni I-8130(M) misjuqa mill-konvenuta gara b'tort unikament tal-attur;
2. tillikwida d-danni sofferti mill-konvenuta fil-vettura numru ta' registrazzjoni I-8130(M) u dan jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;
3. tikkundanna lill-atturi ihallsu dik is-somma hekk likwidata jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;
Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali ta' 19 ta' Jannar 1999 kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut, u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-atturi rikonvenzjonati, fejn eccepew:
1. illi d-domandi tal-konvenuta rikonvenjonata huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni gara unikament tort tal-konvenuta;

2. salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi rikonvenzjonati, u konfermata bil-gurament minn John Soler;

Rat id-digiret tal-11 ta’ Marzu 1999 li pemezz tieghu din il-Qorti awtorizzat lis-socjeta’ Fogg Inusurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ estera Avon Insurance plc. sabiex tintervjeni u tipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet taghha fi zmien ghaxar tijem;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ intervenuta Fogg Inusurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ estera Avon Insurance plc. fejn eccepiet:
1. illi t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u dan minhabba illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ l-attur John Soler, kif jista jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
2. salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ din is-socjeta’ guramentata mill-PL. Nicholette Aquilina, u l-lista tax-xhieda;

Rat id-digriet moghti fl-14 ta’ Frar 2000 fejn din il-Qorti nnominat lill-Kirurgu Joseph Attard bhala espert mediku;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-data tal-lum;

Ikkunsidrat:-

***Kwadru tal-fatti***

Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Fl-14 ta’ Jannar 1997 ghal habta tat-3.45 pm. waqt li l-attur kien qed ghaddej bil-mutur tieghu numru

P-5349(m) minn go Rue D'Argens fil-Gzira, liema triq hija triq principali u notorjament traffikuza, harget minn go Manoel Street, li hija triq sekondarja, vettura Peugoet numru I-8130(M) misjuqa mill-konvenuta, u saret il-kollizzjoni bir-rizultat li l-zewg partijiet sofrew hsara fil-vetturi taghhom, u l-attur sofra dannu wkoll fuq il-persuna tieghu konsistenti f' debilita' permanenti fi grad ta' tnax fil-mija (12%) skond ir-rapport[1] mediku tal-Kirurgu Dr. Joseph Attard.

Illi fid-dikjarazzjoni tieghu, l-attur sostna li l-incident gara minhabba nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenuta, kif ukoll negligenza u imperizja da parti taghha waqt li hija kienet qeghda taqsam bil-vettura taghha dik il-parti tat-triq.

Il-konvenuta minn naha taghha, spjegat fl-affidavit illi meta waslet fil-kantuniera ma' Rue D' Argens hija waqaft ftit il' barra mill-*Stop Sign* li hemm f' dik il-parti tat-triq minn fejn kienet ghaddejja. Hi spjegat li, peress li kien hemm karrozzi pparkjati, hija harset fuq il-lemin taghha, jigifieri fid-direzzjoni tat-traffic lights u, stante li ma rajt lil hadd gej lejja, u kienet nnutajt ukoll illi t-traffic lights fid-direzzjoni lejn l-Msida kienu homor, hija bdejt hierga bil-mod. Il-konvenuta qalet ukoll li x-xufier tal-Bus li kienet gejja mid-direzzjoni ta' tas-Sliema sejra lejn l-Msida ra li d-dwal kienu homor u kien cediela biex nohrog. *"F' hin minnhom meta qbizt nofs it-triq, hassejt daqqa mal-genb, tal-karozza mal-mudguard u rajt lill-attur fuq il-bonnet….."*[2]. Rizultat ta' dan l-incident hija sofriet hsara fil-mudguard lemini ta' quddiem, fil-bumper ta' quddiem u fil-madguard.[3]

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***

*Konfigurazzjoni tal-lok tal-incident*

Illi fl-ewwel lok ghandu jnghad li ma hemmx dubbju li triq Rue D' Argens li minnha kien ghaddej l-attur hija triq principali, filwaqt li t-triq Manoel li kienet ghaddejja minnha l-konvenuta hija triq sekondarja li tisbokka ghal got-triq Rue D' Argens. Illi din it-triq hija notorjament traffikuza u

---

[1] Fol.52 *et seq.*
[2] Fol.74
[3] Dok.CG7 – Fol.79

tara kwantita' kbira ta' traffiku matul il-gurnata. Di fatti fit-tarf ta' triq Manoel, ezatt fil-kantuniera mat-triq prinicpali li minnha kien ghaddej l-attur, hemm *stop sign* – indikazzjoni cara li min jasal f' dik il-parti tat-triq ghandu jieqaf u juza kawtela kbira qabel ma jinserixxi ruhu go, jew jaqsam, triq Rue D' Argens.

**Responsabilita'**

*Osservazzjonijiet guridici*

Illi bazikament l-incident sehh meta il-konvenuta harget bil-vettura taghha minn go side street ghal go main road li minnha kien ghaddej l-attur. Illi l-principju legali bazilari li ghandu jirregola s-sitwazzjoni in disamina huwa assodat fil-gurisprudenza u hu fis-sens li s-sewwieq gej minn triq sekondarja u li ser jidhol go triq principali, qabel ma jghamel il-manuvra tieghu ta' inserzjoni, ghandu jesplora tajjeb u b' mod diligenti it-triq principali u ghandu jinserixxi ruhu fiha unikament meta jkun cert li jista' jghamel din il-manuvra minghajr riskju u perikolu. Ghandu jaccerta ruhu li jibda, jkompli u jittermina din il-manuvra minghajr perikolu u xkiel ghat-traffiku li jista' jkun ghaddej mit-triq principali kemm fuq il-first lane kif ukoll fuq is-second lane[4]. Aktar ma tkun popolari u traffikuza din it-triq akbar ikun l-oneru u l-grad ta' attenzjoni li ghandu jezercita s-sewwieq awtur tal-manuvra.

Is-sewwieq tas-side road *"ghandu d-dritt li jaqsam il-main road meta bid-debita prudenza jkun accerta ruhu li din hi libera"*[5]. Huwa ghandu *"l-obbligu assolut li, x' hin japprossima l-crocevia, jesploraha bl-akbar attenzjoni qabel ma jiddeciedi li jittraversaha"*[6]. *"Ghandu jidhol fil-main road meta din tkun talment libera li jista' jghaddi ghal go fiha bla ma jiehu riskju li driver prudenti m' ghandux jiehu"*[7]. Is-side road user li jrid jidhol fil-main road ghandu qabel ma jidhol fiha jimxi dead slow li sahansitra jieqaf sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara.[8]

---

[4] Prim Awla (NC) ***Manuel Caruana et vs Dottor Tonio Mallia*** et noe deciza 21 ta' Marzu 2002.
[5] App.Krim. ***Il-Pulizija vs Nazzareno Borg*** - 12 ta' Novembru 1960.
[6] Ibid.
[7] App.Krim. ***Il-Pulizija vs Giuseppe Galdes*** – Vol.XXXVII.IV.1108
[8] Vol.LXXXII.II.473

Principju legali relatat, anzi inerenti ghall-premess, hu dak li jimponi fuq kull sewwieq l-obbligu li fis-sewqan tieghu jzomm *a proper look out*. Dan l-obbligu huwa korollari ghal-princiju li sewwieq ghandu l-oneru li fis-sewqan tieghu juza dik id-diligenza mistennija minn *bonus pater familias* u li hija ragjonevoli tenut kont tac-cirkotanzi: bhal ma huma l-konfigurazzjoni tat-triq, il-frekwezna tat-traffiku fit-triq principali, id-dawl, il-vizwali u cirkostanzi partikolari ohra li jistghu jirrikjedu grad ta' attenzjoni gholi missewwieq li jrid jinserixxi ruhu go main road. *"Side road user [ghandu]'a higher duty' li jespolra l-main road, u jesploraha tajjeb f' sens li jara dak li kien vizibbli"*[9]

"Tnejn huma l-principji generalment akkolti fid-duttrina u fil-gurisprudenza estera u lokali, in materja ta' incident ta' traffiku stradali, li ghandhom jirregolaw l-investiment ta' vetturi, jigifieri: (a) hu obbligu ta' kull sewwieq li jirregola s-sewqan skond il-kondizzjonijiet u c-cirkostanzi bhala ma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vettura, l-istat tal-art u cirkostanzi ohra kontingenti, u (b) hu d-dmir ta' sewwieq li jzomm dak li komunament tissejjah a *reasonable look out*, liema dmir igib mieghu li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli…." *Reasonable look out* ifisser id-dmir li s-sewwieq jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli jew ahjar *in plain view* [10]. *"The duty to look implies the duty to see what is in plain view"*[11]

Konformament mal-premess u b' applikazzjoni tal-premess ghandu relevazna qawwija ghal kaz in disamina, dak li osservat l-Onr.Qorti tal-Appell Kriminali li jekk sewwieq isostni li ma rax il-vettura l-ohra gejja, *"din hi auto inkolpazzjoni, ghaliex jekk seta' (kif ic-cirkostanzi stradali juru li seta') u kien imissu rah, u ma rahx, sinjal li ma kienx qieghed attent kif kellu jkun jekk ried izomm a proper look out"*[12]

*Osservazzjonijiet fil-mertu*

---

[9] App.Krim. ***Il-Pulizija vs Joseph Vella*** – 10 ta' Awissu 1963
[10] Vol.LXXXII.III.322; u Vol.XLVI.I.112
[11] Gibb ***Trial of Motor Car Accident Cases*** Section 54 – kwotat mill-abbli perit legali.
[12] App.Krim.***Il-Pulzija vs John Laferla*** – 17 ta' Gunju 1961

Illi fil-kaz in disamina, il-konvenuta sostniet li meta wasslet fit-tarf ta' Manoel Street, kantuniera ma' Rue D' Argens hija waqfet ftit il-barra mill lis-*Stop Sign* peress li kien hemm karrozzi ipparkjati fuq dik in-naha tat-triq principali, harset fuq il-lemin taghha u ma rat lil hadd gej. Innutat li t-traffic lights fil-main road kienu homor u meta rat li l-bus ceditilha biex tohrog, hija *"bdejt nohrog bil-mod"* imbaghad *"F' hin minnhom meta kont qbizt nof it-triq, hassejt daqqa mal-genb tal-karrozza tal-mudguard u rat lill-attur fuq il-bonnet…".*

Mill-premess jidher car li, ghalkemm inizjalment il-konvenuta setghet hadet il-prekawzjonijiet li qalet li hadet, il-fatt inkriminanti ghaliha jibqa' dak li l-ewwel darba li hija rat lill-attur kien proprju ftit sekondi wara li hasset id-daqqa fuq il-lemin tal-vettura taghha u ratu fuq il-bonnet tal-karrozza taghha. Dan il-fatt, li johrog car mix-xhieda tal-istess konvenuta, kunsidrat mal-posizzjoni tal-hsara fil-vettura taghha, li kienet fuq il-mudguard ta' quddiem lemini, jwasslu ghas-segwenti konkluzzjonijiet: Illi hija (1) ma accertatx ruhha, kif kellha d-dmir li taghmel, li setghet mhux biss tibda, izda tkompli u tiffinalizza l-manuvra taghha minghajr perikolu u riskju ghat-traffiku li kien ghaddej mit-triq principali; u inoltre, (2) hija ma ratx dak li kien *in plain view*; u tenut kont tal-viswali li necessarjament kellha fuq in-naha lemini taghha – kemm minhabba il-konfigurazzjoni tat-triq, kif ukoll minhabba li hija kienet ssuperat il-vetturi pparkjati[13] – hija ma ssodisfatx l-obbligu taghha li zzomma *a proper look out* fl-esekuzzjoni tal-manuvra taghha; obbligu li kien jiddetta grad gholi ta' attenzjoni tenut kont tal-fatt li hija kienet addirittura qed taqsam it-triq principali.

Illi in vista tal-premess il-Qorti hija tal-fehma li f' dan il-kaz ir-responsabilita' ghall-incident ghandha tigi attribwita unikament u esklusivament ghan-nuqqas ta' diligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tas-sewqan da parti tal-konvenuta li ghalhekk ghandha taghmel tajjeb ghad-danni konsegwenzjali kollha sofferti mill-attur f' dan l-incident.

[13] Vide skizz tal-pulizija

**Danni**
Illi ghalkemm l-atturi ma ppresentawx prospett dwar id-danni reklamati minnhom, l-attur kemm fid-deposizzjoni[14] tieghu quddiem din il-Qorti, kemm fl-affidavit[15] tieghu, indika u spjega d-danni li sofra, kif ukoll ipprezenta dokumenti.

*Damnum emergens*
Illi din il-Qorti, wara li ezaminat id-dokumenti esebiti, hija tal-fehma li d-danni li gew provati sodisfacentement huma s-segwenti: telf ta' brazzuletta tad-deheb (Lm200), kiri ta' karrozza ghall-Isptar (Lm52.80), drittijiet professjonali tal-physioterapist (Lm105), drittijiet professjonali tal-kirurgu (Lm92), medicini (Lm18.33), kiri ta' karrozza (Lm3), certifikati medici[16] (Lm18), crash helmet (Lm25), safety shoes (LM20), hwejjeg li kellu fuqu (Lm17), hsara fil-mutur (Lm130) u spejjez tal-perizja (Lm75). B' kollox jammontaw ghas-somma ta' Lm756.13c rapprezentanti danni emergenti.

Illi rigward il-hsara fil-mutur, il-Qorti tosserva li, ghalkemm skond is-surveryor li ezamina l-mutur[17], il-mutur kellu *pre accident value* ta' Lm130, l-attur fl-affidavit tieghu sostna li huwa ghandu jinghata kumpens ta' Lm300 peress li l-mutur kien inxjurjat minnu fuq dak l-ammont. In propositu il-Qorti tirrileva li dak li, skond il-ligi, ghandha taghmel tajjeb ghalih il-konvenuta, mhuwiex l-ammont dikjarat mill-attur fil-polza tal-assikurazzjoni tieghu, izda huwa l-ammont li jirrappresenta d-danni reali li sofra l-attur fil-mutur tieghu. Fi kliem iehor, huwa li l-attur jirid jipprova, biex il-pretensjoni tieghu tintlaqa' b' success, li l-mutur kellu verament *pre accident value* ta' Lm300. Din il-prova hija mankanti, u, minflok il-Qorti ghandha ghall-apprezzament taghha stima ta' surveyor li ilu jaghmel dan ix-xoghol ghal numru ta' snin u precisament ghaxar snin.[18] F' dawn ic-cirkostanzi l-Qorti waslet ghal-konkluzjoni li d-

---
[14] 14 ta' Frar 2000 – Fol.27-30
[15] Fols.55-56
[16] li kienu jigu konsenjati lid-dipartiment tas-servizzi socjali
[17] S-Surveyor kien Alfred Farrugia, inkarigat mis-socjeta' assikuratrici interventua. Dan ic-certifika l-mutur bhala *beyond economical repair*.
[18] Deposizzjoni -14 ta' Mejju 2003.

danni reali li gew provati rigwardanti l-mutur jammontaw ghal Lm130.

*Lucrum cessans*

*Osservazzjonijiet guridici*

Fatturi relevanti ghal-vertenza in disamina huma l-istat ta' sahha u l-kondizzjoni ta' l-attur kif kienu qabel l-incident, u kif zviluppaw wara l-incident u kagun tal-istess; u jekk l-inkapacita' li sofra hijex ser tkun kagun ta' telf ta' qligh ghalih fil-futur, u f' kaz affermattiv irid jigi stabbilit il quantum ta' dan il-*lucrum cessans*.

Il-ligi ma taghtix indenniz ghall-inkapacita' *ut sic* imma ghal inkapacita' in kwantu din tirrifletti telf ta' qligh – telf patrimonjali. ***[Vol.LXIB.101].*** Dan it-telf ta' qligh ghandu jikkomprendi wkoll il-potenzjal tal-vittma li jaqla' introitu fil-futur. Il-fatt li persuna dizabbilitata tkun qed tahdem wara l-incident, anke jekk qeda taqla' izjed minn qabel, ma jfissirx li hija ma setghetx issib opportunitajiet ahjar ta' xoghol kieku ma korrietx. Id-dizabilita' necessarjament timplika nuqqas fil-persuna, fil-potenzjal taghha ghax-xoghol, mhux biss mal-employer prezenti izda wkoll ma terzi jew anke jekk tadhem ghal rasha***.[Vol.LXXXII.II.243].*** Konsegwentement il-gurisprudenza lokali stabbiliet li l-kriterju li ghandu jifforma l-bazi tal-multiplier, mhuwiex il-*life expectancy* tad-danneggjat, imma hija l-aspettativa lavorattiva tieghu li llum il-gurnata, hu rikonoxxut, tista', u probabbli tissupera, l-eta' pensjonabbli; minghajr pero' ma jigi injorat il-fattur l-iehor tac-*chances and changes of life* li jimponi certu elasticita' ta' kriterju stante li jirrendi l-pronuncjament tal-Qorti bhala wiehed ta' probabilita'. Kif osservat din il-Qorti diversament presjeduta, ghalkemm fil-likwidazzjoni tal-kumpens il-Qorti ghandha timxi fuq kriterji kemm jista' jkun konkreti u mhux semplicement kongetturali, *"huwa minnu li l-ezercizju tal-likwidazzjoni u ghoti ta' kumpnes jiddependi minn estimi u pronostici li dwarhom hadd ma jista' jkun cert mija fil-mija sewwasew ghaliex wiehed irid jipprova jaqta' x' sejjer jigri jew x' jista' jkun probabbli li jsehh fil-gejjini".*[19]

[19] Prim Awla – [JRM] ***Evan Xuereb vs Vincent Spalding*** deciza fl-10 ta' Lulju 2003

Izda, rigward il-komputazzjoni tal-*quantum* ta' dan l-aspett tad-danni, jibqa' dejjem validu, fuq livell ta' principju, dak li osservat din il-Qorti diversament presjeduta u cioe' li "din il-materja m'ghandhiex tkun soggetta ghal xi regola rigida, izda ghandha tithalla fid-diskrezzjoni tal-gudikant li jghamel **estimu ekwitativ**, fic-cirkostanzi tal-kaz, avut rigward ghan-natura tal-menomazzjoni fisika jew intelletwali u l-kondizzjoni tal-parti lesa, kriterji imsemmija fil-ligi stess; u jasal ghal ammont xieraq ghall-kaz b' *apprezzament realistiku* li jirrikoncilja z-zewg interessi konfliggenti billi lid-danneggjat jinghata il-kumpens li jisthoqqlu minghajr mad-debitur jigi aggravat izzejjed. L-aqwa kriterju **jibqa' s-sens ta' proporzjon u ta' ekwita' tal-gudikant** fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz"[20]

*Osservazzjonijiet fil-meritu*
Illi l-attur li fiz-zmien tal-incident kellu 57 sena[21] qal li huwa kien jahdem bhala labourer mal-kumpanija Alpha Colour Limited[22] u baqa' jahdem mal-istess kumpanija anke wara l-incident. Huwa kien jircevi nofs il-paga minghand il-kumpanija u n-nofs l-iehor minghand id-Dipartiment tas-Servizzi Socjali u ghalhekk *"in kwantu ta' pagi u bonuses jiena ma tlift xejn hlief ghal overtime li jien kont intitolat ghalih u m' ghamiltux minhabba l-incident li kelli. Dan l-ovetime kien jammonta ghal xi Lm200 fis-sena."*[23]

***Multiplicand***
Illi rigward dan l-aspett tal-pretensjoni tal-attur, il-Qorti tirrileva li l-provi mressqa minnu huma skarsi hafna, kemm dwar ix-xoghol li kien jaghmel, kif ukoll dwar l-*overtime*. Illi mill-provi jirrizulta li fis-sena 1997 huwa dahhal salarju gross ta' Lm2,841[24]

Illi dwar l-allegazzjoni ta' telf*"xi"*Lm200 overtime fis-sena, il-Qorti tirrileva li, anki f' dan ir-rigward il-provi huma skarsi hafna. L-uniku element ta' prova li tesisti dwar l-*overtime*

---

[20] .Prim Awla – ***Carmelo Muscat v Francis Schembri et*** per Imhallef M.Caruana Curran – 27.01.72)(emfasi u sottolinear ta' din il-Qorti).
[21] Ara karta tal-identita'
[22] Fol.30
[23] Folo.55
[24] Dok.FGC Fol.57

hija l-imsemmija allegazzjoni tieghu. Oltre din, l-attur ma ressaq ebda prova korroboranti f' dan ir-rigward, bhal per ezempju, il-prova li fil-post fejn kien jahdem il-haddiema kellhom l-ghazla li jahdmu bis-sahra, jew jekk fil-passat huwa kienx hadem bis-sahra, jew almenu l-ammont preciz tas-sahra li huwa sostna li tilef u breakdown tal-istess.

In propositu l-Qorti tirrileva li f' kazijiet ta' likwidazzjoni tad-danni, hija ghandha thares mhux biss l-interessi tad-danneggjat, imma thares ukoll dawk tad-danneggjant fis-sens li dana huwa responsabbli biss u limitatament ghad-danni kaggjunati minnu, liema danni ghandhom jigu determinati minn provi sodisfacenti u li jistabbilixxu b' mod preciz kemm jista' jkun il-parametri taghhom. Konsegwentement, l-attur ghandhu l-oneru li jressaq dawk il-provi kollha relattivi disponibbli ghalih, u mhux jistrih fuq allegazzjoni tieghu nuda u cruda minghajr xintilla ta' prova ulterjuri, u di piu', li fiha nnifisha turi li l-anqas l-attur stess ma jaf bi precizjoni d-danni li qed jitlob f' dan ir-rigward. Il-frasi uzata minnu fl-affidavit tieghu u cioe' *"xi Lm200 fis-sena"* turi li l-attur ma hax l-isbriga li jivverifika kemm fil-fatt tilef, jekk verament tilef, flus tas-sahra; u ghalhekk mhux ekwu li d-danneggjant jigi obbligat jhallas somma rappresentanti telf ta'sahra, meta l-attur ma ressaqx provi sufficjenti f' dan ir-rigward.

Illi ghaldaqstant l-*multipland,* f' dan il-kaz, ghandu jammonta ghal **Lm2,841**.

***Disabilita'***

Illi d-disabilita' permanenti li sofra l-attur konsegwenza tal-incident giet stabbilita mill-espert mediku l-Kirurgu Mr.Joseph Attard fl-ammont ta' tnax fil-mija **[12%].**[25]

***Multiplier***

Kif gia fuq espost, fil-kalkolu tal-multiplier wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni, mhux il-*life expectancy* tad-decujus, izda l-hajja lavorativa tieghu, in-natura u s-sahha tieghu – li tista' tvarja minn bniedem ghal bniedem minhahha dawk ic-cirkostanzi li jssejhu the chances and changes of life.

[25] Fols.111-112

Wiehed irid jezamina l-earning capacity tal-individwu, avut rigward tal-mard kif kontro bilanjat mill-istat ta' sahha tad-disgrazjat.[26]. Illi ghalhekk il-multiplier m' ghandux ikun bazat fuq l-aspettattiva tal-hajja in generali tad-danneggjant, izda fuq l-aspettativa lavorativa tieghu u ghandu jiehu in *konsiderazzjoni tac-chances and changes of life.*[27] *"The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases."*[28] Izda l-bazi tal-multiplier ghandu jibqa' l-eta' tad-danneggjat dak in-nhar tal-incident, u mhux fiz-zmien tal-likwidazzjon tad-danni mill-Qorti, ghar-raguni li l-Qorti ghandha tfittex li tqieghed lid-danneggjat kemm jista' jkun fl-istat li kien qabel l-incident.[29]

Illi fil-kaz in disamina tenut kont tal-fatt li fiz-zmien tal-incident l-attur kellu 57 sena, il-Qorti thoss li f' dan il-kaz ghandha tapplika multiplier ta' **5** snin.

*Lump sum payment reduction*

Ir-*ratio* ta' din ir-riduzzjoni hija l-pagament anticipat tal-kapital. Dan il-bazi legali jibda jiddghajjef progressivament mat-trapass taz-zmien bejn id-data ta' l-incident u d-data tas-sentenza, fis-sens li aktar ma jkun twil dan il-perijodu, aktar tonqos ir-raguni ghal tali deduzzjoni. *"Jekk xejn ghaliex it-trapass taz-zmien ma [ghandux] jmmilita favur il-persuna tenuta responsabbli ghall-incident kontra l-vittma li sofriet d-danni"*[30] Illi f' dan il-kaz, tenut kont tal-fatt li l-incident jirrisali ghal-Jannar 1997, u tenut ukoll kont tal-fatt li c-citazzjoni giet prezentata f' Ottubru 1998, il-Qorti jidhrilha li f' dan il-kaz ghandha tiddipartixxi mill-persentagg soltu moghti ta' 20% u, minflok, tiffissa r-riduzzjoni, f' kaz ta' hlas f' pagament wiehed f' salt fil-percentagg ta' tmienja fil-mija **[8%].**

B' applikazzjoni tal-premess, d-danni konsegwenzjali rapprezentati *lucrum cessans* jammontaw ghas-somma

---

[26] Prim Awla ***Carmela Muscat vs Francis Schembri*** (Ibid).
[27] Vide: App.Civ. ***Butler vs Heard*** deciza 22 ta' Dicembru 1967
[28] Peter Cane: *Atiyah's Accidents, Compensation and the Law* – kwotat fil-kawza Xuereb vs Spalding [supra]
[29] Vide ***Evans Xuereb vs Vincent Spalding*** [supra] u kasistika hemm citata.
[30] App.Civ.***Lawrence Caruana vs Anthony Falzon*** deciza 5 ta' Ottubru 2001.

ta' Lm1,568 li maghdud maghha l-ammont ta' Lm756.13 danni emergenti, iwaslu ghas-somma globali ta' **elfejn, tlett mija, erba u ghoxrin lira maltin** [**Lm2,324]** danni sofferit mill-attur u dovuti mill-konvenuta

***Konkluzjoni***
Illi kunsidrat il-premess il-Qorti tosserva li l-incident in disamina sehh unikament tort tal-konvenuta li ghandha ghalhekk tirrispondi ghad-danni konsegwenzjali u li gew determinanti minn din il-Qorti fis-somma ta' Lm2,324 Ghaldaqstant it-talbiet tal-atturi huma gustifikati u ghandhom jigu milqugha. Ghall-istess ragunijiet il-kontro talba tal-konvenuta hija nsostenibbli fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda.

***Decide***
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa rigett tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta u tas-socjeta' intervenuta, tilqa' t-talbiet attrici, u; tiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident li sehh f' Rue D' Argens Gzira fl-24 ta' Jannar 1997 bejn il-vettura I-8130(m) misjuqa mill-konvenuta u mutur numru P-5349(m) misjuq mill-attur; tillikwida d-danni konsegwenzjali fl-ammont ta' elfejn, tlett mija, erba u ghoxrin lira maltin [Lm2,324]*;* u tikkundanna lill-istess konvenuta thallas lill-attur din is-somma. L-ispejjez kollha huma a kariku tal-konvenuta.

Rigward il-kontro talba tal-konvenuta, tiddeciedi billi tichadha bl-ispejjez a karigu tal-istess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------